MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Avviz Numru. 273/2010

**Noel Cefai (ID 27174M)**
**ezercjenti fil-kummerc bl-isem Green Care Trading**
**vs**
**Joseph Demajo (265436M) f'isem s-socjeta Multi Packaging Limited (C-158)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrenti fid-29 ta’ Lulju tas-sena 2010 fejn, in succint, ir-rikorrent sejjah lis-socjeta' Multi Packaging Limited, imharrka fil-kawza ghal ragunijiet mhux maghrufa tramite d-direttur taghha Joseph Demajo, sabiex dina jew tikkunsinnjalu sittin tunnellata metriku ta' skart tal-kartun jew ihallas lir-rikorrent is-somma ta' sitt elef u tlett mitt Euro (€6,300) rappresentant il-valur tal-iskart illi s-socjeta konvenuta naqqset milli tghaddilu flimkien ma' tlett mitt Euro (€300) rappresentant l-ispiza ta' tlett containers mehudha fil-fabbrika tas-socjeta konvenuta u minnha mhux mghobbija.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta fejn hija sahqet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi hija ma dahhlet f'ebda ftehim biex tbeighlu l-materjal minnu pretiz u lanqas ma ikkawzatlu danni.

Rat l-affidavit ta' **Noel Cefai** ippresentat fil 15 ta' Dicembru 2010 u dokumenti maghha annessi kif ukoll ix-xhieda tieghu moghtija viva voce fit 8 ta' Frar 2012 u r-ritratti minnu ppresentati.
Rat ix-xhieda ta' **Tonio Zammit**, rappresentant tas-socjeta' tal-garr J&T Transport Limited, moghtija viva voce fis 27 ta' April 2012, li kien gie inkarigat mir-rikorrent sabiex jiehu tlett containers fl-istabbiliment tas-socjeta konvenuta biex eventwalment jimtlew bl-iskart.
Rat ix-xhieda ta' **Emanuel Sammut**, manager fi hdan is-socjeta intimata, moghtija viva voce fit 22 ta' Ottubru 2012.
Rat l-affidavit ta' **Louis Cianco**, impjegat tas-socjeta intimata u inkarigat mis-sales taghha, ippresentat fl-14 ta' Jannar 2013.
Rat l-affidavit ta' **Mary Gerada**, impjegata tas-socjeta intimata bhala receptionist, ippresentat fl-14 ta' Jannar 2013.
Rat l-affidavit ta' **Adrian Bajada**, Managing Director tas-socjeta intimata, ippresentat fl 14 ta' Jannar 2013.
Rat illi fit 8 ta' Marzu il-kawza thalliet ghall-presentata tan-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.
Rat illi fil 15 ta' Mejju 2013 giet ippresentata in-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrent fil-waqt illi fit 13 ta' Gunju 2013 giet ippresentata n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta intimata.

**Ikkunsidrat**
Mill-fatti kif prodotti jirrizulta illi r-rikorrent jahdem fin-negozju tar-ruttam, ossija 'waste broker', fejn huwa jixtri l-iskart sabiex eventwalment ibieghu lill-terzi barra minn Malta.
Jirrizulta wkoll illi s-socjeta intimata hija socjeta illi tipproduci il-kaxex tal-kartun u, bhala rizultat, ikollha hafna skart tal-kartun.

Jidher illi f'mument minnhom, is-socjeta intimata kienet giet avvicinata mir-rikorrent, tramite is-sales manager taghha, Louis Cianco, fejn ir-rikorrent iddiskuta l-possibbilta' li jixtri skart tal-kartun minghandha sabiex ikun jista jesportaha.

Jidher illi r-rikorrent iddiskuta tali proposta ma' Emanuel Sammut, illi huwa l-persuna responsabbli fi hdan is-socjeta intimata sabiex, fost affarjiet ohra, jiehu hsieb l-iskart tal-kartun, liema persuna r-rikorrent kien biss jafu bhala Efrem, ossija l-isem illi bih kullhadd kien jafu.

Waqt dawna d-diskussjonijiet, jidher illi Emanuel Sammut kien indikalu li ma kellux oggezzjoni li jbieghlu l-iskart izda ma setax jaghmel kuntratt mieghu peress illi l-kumpannija kellha, l-ewwel u qabel kollox, tbiegh l-iskart lid-ditti esteri minghand min hija tixtri il-kartun, u huma setghu biss ibieghu lir-rikorrent sakemm tali ditta estera ma titlobx li jintbghat l-iskart lura ghandhom.

Wara tali diskussjonijiet, il-partijiet waslu fi ftehim dwar il-prezz tal-iskart illi kellu jinxtara mir-rikorrent u r-rikorrent beda jghabbi containers tal-iskart, minn zmien ghal zmien, li huwa beda jixtri minghand is-socjeta intimata.

Gara illi, mument minnhom, is-socjea estera li tipproduci l-karti u li maghha s-socjeta intimata ghandha l-obbligu li tibghat l-iskart meta mitlub, bdiet titlob lis-socjeta intimata sabie tibghat l-iskart ghandha bir-rizultat illi hija ma setghetx tkompli tissupplixxi lir-rikorrent bl-iskart.

Di fatti, f' April 2010, Emanuel Sammut kien iltaqa' mar-rikorrent u kien gharrfu li seta jissupplixih bil-materjal biss sa' l-ahhar ta' dik ix-xahar. Ir-rikorrent, madanakollu, gharrfu illi kellu obbligi ta' bejgh ta' skart ma terzi sa' l-ahhar ta' Mejju 2010 u ghalhekk Sammut ikkonceda li jipprovdilu skart sa' l-ahhar ta' Mejju 2010.

Gara, izda, li fit-22 ta' Gunju 2010, ir-rikorrent cempel lill-Sammut sabiex jixtri skart minghand is-socjeta rikorrenti ghal zewgt containers, izda Sammut, dak il-hin, ma ikkommettiex ruhu peress illi kellu xoghol iehor. L-ghada, 23 ta' Gunju 2010, ir-rikorrent reggha cempel u jippersisti sabeix jixtri skart minghandu, u, dak il-hin, Sammut qallu illi ma kienx ghadu ra jekk setax ibieghlu skart peress illi

kien ghadu imhabbat, izda qallu sabiex ma jibghat ebda container fil-fabbrika qabel ma jghidlu hu.
Il-Gimgha, 25 ta' Gunju 2010, Sammut gie infurmat mir-receptionist, Mary Gerada, illi kien hemm containers fil-fabbrika sabiex jimtlew bl-iskart. Huwa minnufih ikkonkluda li r-rikorrent kien baghat containers minkejja li kien qallu biex ma jighat xejn, u ghalhekk cempel lir-rikorrent u gharrfu li kien baghat il-containers ghal xejn.

Dakinhar stess, madanakollu, minkejja li Sammut kien qallu li ma kien ser ibieghlu xejn, ir-rikorrent gie il-fabbrika flimkien ma' klijent tieghu barrani li kien ser jixtri l-iskart minghand ir-rikorrent, li r-rikorrent isemmieh biss bhala 'Vinnie', u dana kien mar hemm sabiex jurih l-iskart illi kien ser jixtri.
Tali visita wasslet ghal battibekk kbir bejn Emanuel Sammut u ir-rikorrent, fejn Sammut beda jinsisti li ma kien ser jghaddilu ebda skart u li ma kellu ebda dritt illi jibghat il-containers fil-fabbrika u jdawwar lill terzi persuni fil-fabbrika taghhom minghajr il-permess taghhom filwaqt illi r-rikorrent beda jinsisti illi kellhom ibieghlu l-iskart.
Sussegwentement, ir-rikorrent cempel lill-Managing Director tas-socjeta intimata, Adrian Bajada, u mhux lill Joseph Demajo, illi semma r-rikorrent, fejn talbu sabiex ibieghlu l-iskart, izda Bajada qallu li tali ftehim seta jilhqu biss ma' Sammut u, peress illi kien iggieled mieghu fil-fabbrika, Sammut ma riedx ibieghlu l-iskart aktar. Ir-rikorrent ghalhekk qallu lill Bajada illi kien ser jehodhom il-Qorti.

**Ikkunsidrat**
Illi, l-ewwel u qabel kollox, jigi nnutat illi hareg car mill-provi kollha tal-kaz illi l-kawza odjerna tirrigwarda kwistjoni illi r-rikorrent ghandu mas-socjeta Multi Packaging Limited, li min ghandha huwa kien jixtri l-iskart, u ghalhekk, il-fatt illi Joseph Demajo, illi ghal ragunijet li taghha jista jaghti biss spjega il-konsulent legali illi originalment kien intavola ir-rikors odjern kien iddahhal fil-kawza, miet fil-mori tal-kawza ma' jaghtix lok ghal htiega ta' legitimazzjoni tal-atti peress illi kienet is-socjeta Multi Packaging Limited illi qed tigi imharrka fil-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**
Illi mill-provi prodotti, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni illi l-mod legger u superficjali li bih xehed ir-rikorrent ma jistax ma jkunx riflessjoni tal-mod kif huwa jmexxi x-xoghol tieghu. Dana qieghed jinghad peress illi imkien fix-xhieda tieghu ma kien kapaci jindika bl-ezatt ma min kien ghamel il-ftehim tax-xiri tal-iskart, u kull ma kien

jaf tali persuna kien bl-isem ta' 'Efrem'. Apparti minn hekk, lanqas ma kien kapaci illi jindika l-isem tal-persuna lill min huwa attwalment biegh l-iskart u li, ghalhekk, kellu jithallas danni bhala nuqqas da' parte tas-socjeta intimata. Kull ma kien kapaci jghid huwa l-isem 'Vinnie'. Finalment, ir-rikorrent jghid illi huwa kien kellem lill

Joseph Demajo meta dana kull ma kien huwa sid tas-socjeta li ma kien jinvolvi ruhu xejn fit-tmexxija tal-fabbrika, u kien attwalment ma' Adrian Bajada illi huwa kien tkellem, haga li lanqas biss kien jaf. Dana certament ma jirrefletti xejn tajjeb fuq l-affidabilita' tar-rikorrent fil-veracita' tax-xhieda tieghu.
Minn naha l-ohra, il-verzjoni moghtija minn Emanuel Sammut, u kkorroborata mix-xhieda ohra prodotta mis-socjeta intimata, huwa ferm aktar kredibbli, peress illi jirriflettu sitwazzjoni li certament kienet minnha. Di fatti, il-fatt li ma keinx iffirmat ebda kuntratt da' parte tas-socjeta intimata huwa prova li, attwalment, ma kien hemm ebda ftehim ta' xiri ta' skart bejn il-partijiet, kif donnu irid jaghti x'jifhem ir-rikorrent, izda kien hemm biss qbil li, meta s-socjeta intimata kienet f'pusizzjoni li tipprovdih bl-iskart, hija kienet tbieghlu l-iskart.
Hareg car mill-provi prodotti, li r-rikorrent kien jaf li minn Gunju 2010 ma setghux jipprovduh bl-iskart, izda xorta wahda, huwa insista li jbieghulu l-iskart ghalkemm ma kellhom ebda obbligu jaghmlu dan, baghat tlett containers fil-fabbrika tas-socjeta intimata ghalkemm kien jaf li ma setax jaghmel hekk u sahansitra mar ma' terza persuna sabiex jara l-iskart minkejja li kien jaf li ma kien hemm ebda ftehim ta' xiri ta' skart.
Huwa car, fil-kaz odjern, illi r-rikorrent kien qieghed jipprova jifforza idejn is-socjeta intimata sabiex dina tbieghlu l-iskart meta kienet qalet li ma kienetx ser tkompli tbieghlu skart u dana billi ghamel diversi atti sabiex igieghel lill Sammut ibieghlu, tant huwa illi sahansitra ha mieghu il-persuna li kienet ser tixtri l-iskart minghand ir-rikorrent sabiex jimbarrazza aktar lis-socjeta intimata.
Illi l-Qorti ma tistax ma tinnuzax illi fil-kamp kummercjali, l-irgulija huwa element essenzjali hafna, u ghalkemm tali valur naqas bil-kbir fis-socjeta ta' llum, certament ma hijex ser tkun din il-Qorti illi taghti ragun lill-persuna illi uza kull

tattika possibbli sabiex igieghel persuna ohra tbiegh materjal meta tali persuna ma kellha ebda obbligu illi tbiegh!

Konkluzjoni
Abbazi tal-provi kollha prodotti u l-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmulha
Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi

Tilqa l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata u
Tichad t-talbiet attrici kollha
Spejjez kollha tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu a
kariku tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------